**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 104/2017 AF**

**Eve *sive* Evette Agius mart Joseph Agius**

**Carmel Camilleri**

**u**

**Lewis Camilleri, fil-vesti taghhom bhala werrieta universali tad-decujus missierhom Michael Camilleri**

**vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Eve *sive* Evette Agius mart Joseph Agius, Carmel Camilleri u Lewis Camilleri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Missier l-esponenti ossia Michael Camilleri miet nhar it-23 ta' Novembru 1995 fl-Isptar San Vinċenz de Paule u ħalla bħala werrieta tiegħu lil uliedu kollha ossia l-esponenti kollha flimkien ma' oħthom Julie Aquilina mart Gregory Aquilina hekk kif inhu muri fil-kopja tat-testment hawn annessa bħala **Dok MB1**. Illi Julie Aquilina mart Gregory Aquilina, irrinunzjat għall-eredità ta' missierha kif inhu muri f'**Dok MB2** u għaldaqstant il-werrieta universali tad-defunt Michael Camilleri huma l-esponenti.

Il-mejjet Michael Camilleri kien sid ta' sehem indiviż ta' biċċa art magħrufa bħala "Tas-Salib" fil-limiti ta' Birkirkara f'kejl superfiċjali ta erbat elef u sitta u disgħin metru kwadru (4,096$m^2$) flimkien ma' Teresa mart Alfred Busuttil u Dolores Camilleri li għaddiet lilhom b'wirt mis-sinjura Calcedonia Mifsud li ħalliethom bħala eredi universali tal-propjetà tagħha permezz ta' żewġ testmenti fl-Atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut magħmula nhar id-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija erbgħa u sebgħin (1974), u nhar il-ħamsa (5) ta' Marzu, tas-sena elf disgħa mija u sitta u sebgħin (1976) hawn preżentati bħala **Dok MB3 u MB4** rispettivament u kif jidher ukoll fil-causa mortis hawn ippreżentata bħala **Dok MB5.**

Fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u disgħin (1990), Michael Camilleri rrappreżentat minn uliedu Julie mart Gregory Aquilina, Eve mart Joseph Agius, Carmel Camilleri u Lewis Camilleri, flimkien ma' Teresa mart Alfred Busuttil u Dolores Camilleri resqu għall-kuntratt ta' diviżjoni (**Dok MB6**) sabiex jaqsmu l-proprjetà li kellhom bejniethom fosthom il-biċċa art magħrufa bħala "Tas-Salib" fil-limiti ta' Birkirkara. Permezz ta' dan il-kuntratt ta' diviżjoni li jinsab fl-atti tan-nutar Dottor Antonio Carbonaro il-mejjet Michael Camilleri kien messu porzjon f'circa ta' elf, tlett mija u ħamsa u sittin metru kwadru (1365$m^2$) tal-biċċa art magħrufa bħala "Tas-Salib" fil-limiti ta' Birkirkara u ċioè circa terz mill art.

Fis-26 ta' Ġunju 1990, ġiet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn ġie ddikjarat li biċċa art tal-kejl ta' 47,348 metru kwadru li tmiss mil-Lvant ma' proprjetà tal-Università ta' Malta u oħrajn, min-Nofs in-Nhar mal-*By-Pass* ta' Birkirkara u mill-Punent ma' proprjetà ta' Carmel Fenech u oħrajn; u biċċa art ta' kejl ta' 5,058 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana mal-*By-Pass* ta' Birkirkara, mill-Grigal ma' proprjetà ta' l-Università ta' Malta u oħrajn, u mill-Punent u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Zarb li tinsab f'Birkirkara kienet meħtieġa għal skop pubbliku u li l-akkwist tagħha kellu jkun b' xiri assolut. Din l-art imsemmija kienet tidher fuq pjanta mmarkata **L.D. 193/90** li hija hawn preżentata bħala **Dok MB7**. Illi l-partijiet mmarkati bħala '1Q' u '2A' fuq it-tali pjanta kienu tal-mejjet Michael Camilleri. Il-parti '1Q' hija ta' kejl superfiċjali ta' 22 metri kwadri u kienet tmiss min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Michael Camilleri, mill-Punent ma' proprjetà ta' Anna Zarb, u mill-Grigal ma' proprjetà ta Michael Zammit Gauci w oħrajn; filwaqt li l-parti mmarkata bħala '2A' hija ta' kejl superfiċjali ta' 648 metri kwadri u kienet tmiss mit-Tramuntana u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Michael Camilleri stess u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Dolores Camilleri. Illi din d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dehret fil-Gazzetta tal-Gvern f'Avviż Nru 480 tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u disgħin (1990) hawn preżentat bħala **Dok MB8.**

Fid-29 ta' Ottubru 1990, ġiet ippubblikata d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn ġie ddikjarat li biċċa art tal-kejl ta' ħdax il-elf, sitt mija u erbatax il-metru kwadru (11,614 $m^2$) li tinsab f'Birkirkara kienet meħtieġa għal skop pubbliku u li l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut. Din l-art msemmija kienet tidher fuq pjanta mmarkata L.D. 193A/90 li hija hawn preżentata bħala **Dok MB9.** Parti mmarkata "3B" li tidher fuq din it-tali pjanta kienet parti mill-art tal-mejjet Michael Camilleri. Din il-parti kienet tikkonsisti f'kejl ta' circa ta' sitt mija, ħamsa u disgħin metru kwadru (695$m^2$) u li tmiss mill-Grigal mal-proprjetà ta' Michael Camilleri innifsu, mill-majjistral mal-proprjetà ta' Anna Zarb, u mil-Lvant mal-proprjetà ta' Dolores Camilleri. Din id-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dehret fil-Gazzetta tal-Gvern f'Avviż Nru 701 tas-sitta (6) ta' Novembru elf disgħa mija u disgħin (1990) hawn preżentat bħala **Dok MB10.**

Is-saħħa kemm fiżika kif ukoll mentali tal-mejjet Michael Camilleri kienet iddeterjorat serjament, tant li l-esponenti kif ukoll oħthom Julie mart Gregory Aquilina ma kellhomx alternattiva oħra ħlief li jieħdu lil missierhom fl-isptar San Vinċenz de Paule sabiex jiġi rikoverat. Michael Camilleri iddaħħal l-isptar fit-tnax (12) ta' Novembru, 1993, fl-età avvanzata ta' kważi tmenin sena.

Sa mill-ewwel ġurnata li ddaħħal l-isptar huwa kien fi stat ħażin tant illi ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tal-affarijiet tiegħu. Fil-fatt, tul iż-żmien li huwa kien rikoverat l-isptar, il-pensjoni kien jieħu ħsiebha l-esponent Lewis Camilleri, filwaqt li l-affarijiet l-oħra kienu jieħdu ħsiebhom l-esponenta Eve u r-raġel tagħha Joseph Agius.

Fil-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena 1994, inħarġu żewġ Avviżi għall-Ftehim: - avviż li kien jitrattatta fuq l-art bin-numru 3B li tinsab fuq il-pjanta L.D. 193A/90/1, u avviż ieħor separat li kien jittratta fuq l-artijiet immarkata bin-numri 1Q u 2A hekk kif jidhru fuq il-pjanta L.D. 193/90/1. **Illi dawn iż-żewġ avviżi ġew indirizzati lil Michael Camilleri bl-indirizz speċifiku '*Ward 8, Bed 4, Saint Vincent de Paule Hospital'* hekk kif jista jiġi faċilment kkonfermat minn Dok MB11. Illi tali avviżi ġew 'notifikati' lill-Michael Camilleri nhar is-sittax (16) ta' Novembru, 1994 f'proprju *Ward 8, Bed 4,* tal-Isptar San Vincenz de Paule, liema sodda kellha tkun s-sodda tal-mewt tiegħu.** Minħabba l-kundizzjoni medika li kien jinsab fiha, meta ġie 'innotifikat' bl-avviż ta' ftehim Michael Camilleri ma kellux kapaċità mentali sabiex ikun jaf x'qed jiġri u għalhekk huwa qatt ma kien f'pożizzjoni sana li jikkontesta dan u jew għall-anqas jagħti struzzjonijiet u/jew jingaġġa professjonista legali in konnessjoni mal-mertu ta' dan l-avviż ta' ftehim. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti ta' Michael Camilleri skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta skont il-proċedura applikabbli dak iż-żmien in konnessjoni mal-mertu ta' dan l-avviż għall-ftehim. **Illi proprju dawn huwa l-fulkru ewlieni ta' din il-kawża u li wassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-istess Michael Camilleri, kif ukoll konsegwentement tal-esponenti li huma l-eredi tiegħu.**

Fis-sittax (16) ta' Frar, 1995, il-Kummissarju tal-Artijiet iddepożita żewġ Ċedoli ta' Depożitu fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'isem Michael Camilleri, bin-numri 103/95 u 104/95 u li jinsabu hawn annessi bħala **Dok MB12** u **Dok MB13** rispettivament. Illi f'Ċedola Nru 103/95, il-Kummissarju tal-Artijiet iddepożita l-ammont ta Lm223, għall-biċċa art li kienet indikata bin-numru '3B' fuq il-pjanta L.D. 193A/90/1, liema tali art kienet ta' kejl superfiċjali ta' 695m$^2$. Illi f'Ċedola Nru 104/95, il-Kummissarju tal-Artijiet iddepożita l-ammont ta Lm216, rappreżentati: Lm8 għal biċċa art immarkata bin-numru '1Q' fuq il pjanta L.D. 193/90/1, liema art kienet ta' kejl superfiċjali ta' 22m$^2$; u Lm208 għal biċċa art immarkata bin-numru '2A', fuq il pjanta L.D. 193/90/1, liema art kienet ta' kejl superfiċjali ta' 648m$^2$. Illi b'kollox, il-mejjet Michael Camilleri ingħata l-kumpens miżeru ta' Lm439 għal biċċa art li kienet tammonta għal madwar 1,365m$^2$ in toto. **Illi dawn iċ-ċedoli ġew mibgħuta lil Michael Camilleri fuq is-sodda tal-mewt tiegħu bin-numru erbgħa ġewwa ward tmienja tal-isptar San Vinċenz de Paule.** Illi minkejja dan, minħabba l-istat mentali li Michael Camilleri kien jinsab fih huwa qatt ma kien mentalment b'sahhtu, san u konxju ta' x'qed jiġri. Dan jista' jiġi faċilment ikkorroborat mill-fatt li s-Sur Michael Camilleri mhux talli naqas milli jinforma lil uliedu dwar dan, iżda lanqas biss mar jiżbanka dan l-ammont jew inkella qabbad lil xi ħadd sabiex jiżbankalu dan l-ammont.

Michael Camilleri miet l-isptar San Vinċenz de Paule fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena 1995 hekk kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu hawn ppreżentat bħala **Dok MB14**, fl-età avvanzata ta' kważi 82 sena, u ħalla bħala werrieta universali tiegħu lill-esponenti, kif ukoll lil oħthom Julie Aquilina mart Gregory Aquilina kif jidher faċilment minn **Dok MB1** hawn prreżentat, liema wild tal-aħħar imsemmija irrinunzjat għall-eredità ta' missierha kif diġà ġie spjegat aktar il-fuq u kif jidher minn **Dok MB2**.

L-eredi ta' Michael Camilleri u ċioè r-rikorrenti indunaw biss b'din l-esproprjazzjoni, wara li missierhom kien miet, u dan ġara sempliċiment b'kumbinazzjoni mingħand il-kuġina tagħhom li kellha biċċa art tal-istess qies biswit tagħhom f'Birkirkara u li kienet ukoll ġiet esproprjata.

Meta ndunaw x'kien ġara l-esponenti ħassuhom ferm aggravati mhux biss bil-*modus operandi* tal-Kummissarju tal-Artijiet, u ċioè kif it-tali Kummissarju volutament ittenta jinnotifikah fuq sodda fl-Isptar meta anzjan ta' oltre tmenin sena ma kellux l-kapaċità mentali li missierhom kien qiegħed isofri minnha meta kien qiegħed rikoverat fl-Isptar San Vinċenz de Paule, iżda wkoll bil-kumpens miżeru ta' ta' Lm439 li missierhom kien ingħata għal biċċa art li kienet tammonta għal madwar 1,365$m^2$ *in toto*. Fid-dawl ta' dan u fin-nuqqas ta' rimedju mill-liġi, l-atturi ppruvaw jaslu mal-Awtoritajiet kkonċernati billi kitbulhom kemm il-darba, però, sfortunatament dawn baqghu indifferenti. Konsegwentement, l-atturi ma kellhomx alternattiva ħlief li jirreklamaw għall-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u għalhekk ppromovew azzjoni Nru 101/2013 LSO fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). Illi kif jidher minn **Dok MB 15** hawn anness f'din il-Kawża l-Qorti kkonkludiet hekk:

> *"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimat, u tilqa' t-tielet u s-sitt eccezzjonijiet sollevati limitatament stante mankanza ta' provi kif spjegat fis-sentenza.*
>
> *Konsegwentement tillibera lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet mill-osservanza tal-gudizzju* ***filwaqt li tirriserva lir-rikorrenti li jergghu jiddeducu t-talbiet taghhom flimkien mal-provi rekwisiti****"* (enfasi miżjuda)

L-esponenti jinsabu in pussess tal-provi rekwiżiti u għalhekk qegħdin hawn permezz ta' dan ir-rikors jerġgħu jiddeduċu t-talbiet tagħhom. Il-provi tenuti meħtieġa għal-kunsiderazzjoni tat-talbiet attriċi kienu l-prova li huma eredi effettivi tad-decujus Michael Camilleri u li l-art kienet tal-istess decujus li għalhekk iddevolviet fuqhom, liema provi jinsabu hawn ippreżentati simultanjament ma dan ir-rikors.

**Ksur tal-Ewwel Artikolu tal- Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni *Stante* in-Nuqqas ta' Proporzjonalità**

Illi **artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** u li huwa enforzabbli f'Malta permezz ta' l-Ewwel Skeda tal- Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali".*

Filwaqt li m'hemmx kontestazzjoni li l-espropriazzjoni ta' art privata mill-Istat sabiex jinbena sptar li minnu tgawdi s-soċjetà in ġenerali jikkwalifika bħala interess pubbliku, l-esponenti jsostnu illi, l-Gvern Malti permezz tal-Kummissarju tal-Artijiet aġixxa b'mod disproporzjonat billi esproprja kwantità ta' art li kienet tmur oltre minn dak li kien meħtieġ sabiex jibena l-isptar Mater Dei. Filwaqt li l-mejjet Michael Camilleri ġie mċaħħad mill-art kollha li kien jipposjedi u ċioè l-art bil-qies superfiċjali ta' 1,365m$^2$, kienet parti żgħira biss ta' din l-art li eventwalment intużat sabiex inbena l-Isptar Mater Dei u l-maġġoranza assoluta tal-art li Michael Camilleri kien jipposjedi baqgħet għal dawn l-aħħar tnejn u għoxrin sena mhux mittiefsa u fl-istat verġni tagħha.

Għaldaqstant, l-esponenti jissottomettu li missierhom Michael Camilleri u eventwalment huma stess bħala werrieta tiegħu ġew ipprivati mid-dritt ta' tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom ai termini tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dan stante li l-Gvern permezz tal-Kummissarju tal-Artijiet esproprija art f'ammont aktar milli kien meħtieġ u dan a skapitu ta' l-atturi. Bir-rispett dovut li kieku verament din l-art kollha fl-intier tagħha kienet meħtieġa din żgur li ma kienitx ser tibqa' mhux mittiefsa għal sebgħa u għoxrin sena sħaħ.

Isegwi illi r-raguni li fuqha sar l-esproprju ghalkemm kien intestat fl-Interess Pubbliku fir-realtà kien esproprju inutili ghaliex qatt ma intużat l-imsemmija art tal-atturi limitatatment ghal din il-porzjon tal-atturi. Il-parti li intużat hija ovvjament eskluża .

Fil-kawża ***"Sporrong and Lonnroth v. Sweden"***[1] il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi l-individwu privat m'għandux jiġi sfurzat li jissapporti oneru eċċesstiv għaliex għandu jsir bilanċ bejn il-bżonnijiet tal-komunità u d-drittijiet tal-individwu.

Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' April 1996, fil-kawża fl-ismijiet ***"Onorevoli Perit Dominic* sive *Duminku Mintoff et v. Onorevoli Prim Ministru et"*** għamlet referenza ampja għall-każistika tal-Qorti Ewropea, inkluż is-su ċitat każ ta' ***"Sporrong and Lonnroth"***, kif ukoll il-każ ***"James Cavendish, Corbett & Wilbraham"***[2]***,*** fejn il-Qorti Ewropea tenniet li għalkemm il-privazzjoni tal-proprjetà tista' ssir fl-interess pubbliku, ċertament dan għandu jkun soġġett għal interpretazzjoni stretta, u bħala bażi ta' dan il-kunċett taħt il-Konvenzjoni hemm dejjem l-iskop li jiġi evitat li individwu jiġi assoġġettat għal privazzjonjiet arbitrarju tal-proprjetà tiegħu.

L-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ampjament ikkjarifikat illi l-ipoteżi ta' privazzjoni ta' proprjetà privata minħabba interess pubbliku, sabiex tkun konformi ma' dak li jiddisponi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, trid tilħaq rapport raġjonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u l-iskop persegwit, ekwilibriju ġust bejn l-interess ġenerali u dak tal-persuna b'mod li jiġi evitat lill-indivdwu piż partikolari u eżorbanti.

Il-Qorti Ewropea, fis-sentenza tal-21 ta' Frar 1990 fil-każ ***"Hakansson & Sturesson"***[3] affermat in-neċessità li tiġi

---

[1] CASE OF SPORRONG AND LÖNNROTH v. SWEDEN (Application no. 7151/75; 7152/75) Judgement Date 23/09/1982.

[2] CASE OF JAMES AND OTHERS v. THE UNITED KINGDOM (Application no. 8793/79), Judgement Date 21/02/1986.

[3] CASE OF HÅKANSSON ET STURESSON v. Sweden (Application no. 11855/85) Judgement Date 21/02/1990.

rispettata din il-proporzjonalità, u tenniet illi din il-kundizzjoni tiġi nieqsa meta l-propjetarju jiġi assoġġettat għall-oneri speċjali u esorbitatnti li jmorru oltre l-marġini ta' apprezzament spettanti lill-awtoritajiet nazzjonali.

**<u>Ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal- Libertajiet Fundamentali *Stante* li l-Mejjet Michael Camilleri u l-Eredi Tiegħu Ġew Effettivament Imċaħħdin mill-Aċċess Għall-Qorti jew Tribunal</u>**

Il-Kummissarju tal-Artijiet għalkemm kien ben konsapevoli tal-istat mentali tal-mejjet Michael Camilleri, huwa xorta waħda nnotifika l-Avviżi għal Ftehim kif ukoll iċ-ċedoli ta' depożitu lil Michael Camilleri nnifsu fuq is-sodda, li kellha tkun l-istess sodda tal-mewt tiegħu. **Illi peress li Michael Camilleri ma kienx persuna *compos* fil-ħin tan-notifika huwa ġie effettivament imċaħħad mid-dritt ta' aċċess għal-Qorti jew Tribunal sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu ai termini tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għaldaqstant, ġew preġudikati d-drittijiet tiegħu taħt artikolu 39(2) kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ser jiġi ampjament ppruvat waqt t-trattazzjoni ta' din il-kawża.

**<u>Ksur tal-Artikolu 37 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u ta' Artikolu 1 tal- Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal- Libertajiet Fundamentali *Stante* in- Nuqqas ta' Ħlas ta' Kumpens Xieraq</u>**

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Kummissarju tal-Artijiet kellu jħallas *'kumpens xieraq'* meta eżerċita d-drittijiet tiegħu sabiex tittieħed l-art. Illi tali kumpens xieraq jemerġi mid-dritt tal-proprjetà nnifsu hekk kif tutelat mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni, hekk kif tenniet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' ***"Lithgow"*.**[4]

[4] CASE OF LITHGOW AND OTHERS v. THE UNITED KINGDOM (Application no 9006/80; 9262/81; 9263/81; 9265/81; 9266/81; 9313/81, 9405/81) Judgement Date 08/07/1986.

Fil-każ odjern ċertament li l-Kummissarju naqas milli jagħmel hekk u dana tenut kont tal-fatt li s-sidien tal-artijiet kontigwi, li kienu relatati mal-istess Michael Camilleri gew moghtija kumpens ridikolu li huma ikkontestaw gudizzjarjament u inghataw kumpens ferm ghola kif jikkonferma **Dokument MB 16** hawn anness li juri kumpens likwidat u mhallas fl-ammont ta' hamsa u tletin elf tlett mija u ghaxar liri maltin (Lm35,310 ) più tmien mija u erbghin liri Maltin (Lm840.00) ghal bicctejn art mehuda li huma tal-istess qis identiku ghal dawk esproprjati kontra Michael Camilleri. Din ġiet kkonfermata mill-Bord tal-Arbitragg Dwar L-Artijiet Kawza numru Rik 2/1997 fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Tereza Busutill et. Deciza 11.01.2007.

Fil-każ tal-***"Holy Monasteries"***[5], illi l-prinċipju tal-proporzjonalità jista' ma jkunx sodisfatt anke meta l-kumpens offrut taħt il-leġizlazzjoni li tirregola esproprjazzjoni proprja jkun baxx wisq.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, ikkonfermata *in toto* fl-appell, ikkwotat ġurisprudenza bħal ***"Hentrich"*** u ***"Mintoff"***, gjà ċitati, rigward il-fatt li individwu m'għadux isofri oneru eċċessiv għall-interess pubbliku konsistenti fil-fatt li ttiehdidtlu art li qatt ma ġiet eventwalment utilizzata ghall-iskop li ghalih kienet mehuda.

L-istess Onorabbli Qorti tenniet li meta l-kumpens offrut għall-esproprjazzjoni jkun żgħir u mhux xieraq, il-bilanċ bejn l-interess privat u l-interess ġenerali ma jkunx inżamm ikunu ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-propjetà tar-rikorrenti. Illi l-istess Onorabbli Qorti kkjarifikat illi r-rimedju għal din il-vjolazzjoni jkun proprju l-ħlas ta' kumpens xieraq li jerġa' jsib il-bilanċ bejn l-interess pubbliku u l-interess tal-individwu li jkun sofra l-esproprjazzjoni tal-proprjetà tiegħu.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikun gust u ekwu l-hlas tal-kumpens ta' dik il-parti li kienet utilizzata ghall-interess pubbliku u fir-rigward ta' dik il-porzjon li baqghet sal-ġurnata tal-lum

[5] CASE OF THE HOLY MONASTERIES v. GREECE (Application no 13092/87; 12984/88) Judgment Date 09/12/1994.

wara oltre sebgha u ghoxrin sena (27) inutilizzata, din ghandha tiġi rilaxxata a favur l-eredi rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-aġir u l-miżuri meħuda mill-intimat illedew d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti stante li kien hemm ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal- Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali billi l-Kummissarju tal-Artijiet aġixxa b'mod dispropozjonat u esporpija art f'ammont li kienet ferm akbar milli kien meħtieġ u/jew ma ġiex mhallas kumpens xieraq.

2. Konsegwentement tordna lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tittrasferixxi lura lir-rikorrenti dik il-parti tal-art li ġiet meħuda lil missierhom u limitament ghal dik il-porzjon li ma ġietx utilizzata mill-Gvern għal dawn l-aħħar seba' u għoxrin (27) sena; u fil-kaz illi ir-ritorn tal-art ma jintlaqax, alternattivament tiddetermina u tillikwida kumpens xieraq u tordna lill-intimat iħallas l-kumpens hekk kif iddeterminat u llikwidat minn din l-Onorabbli Qorti u tordna lill-intimat sabiex iħallas dan it-tali kumpens, u/jew tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidrilha xierqa skont il-liġi u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Illi tali likwidazzjoni ta' danni ghandha tinghata skont il-Ligi Naturali tal-Ekwità u ghaldaqstant ghandha tillikwida il-kumpens ugwalment u b'mod identiku kif gie likwidat u mhallas effettivament lil parentela tar-rikorrenti fil-Kawza Rik Nru 2/1997 Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet (***Dok MB16***) stante li din hija art identika, kontigwa u kkonfermata minn diviżjoni b'kuntratt uffiċjali (***Dok MB6)*** fejn għandu għalhekk jiġi mħallas l-kumpens fl-ammont ta' Lm35,310 ekwivalenti għal €82,250.00 jew somma verjuri li tiġi likwidata.

3. Konsegwentement tiffissa u tillikwida u tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq fuq dik il-parti tal-art esproprjata u li effettivament ġiet utilizzata mill-Awtorità.

4. Mingħajr preġudizzju għat-talbiet suesposti, tiddikjara li l-aġir u l-miżuri meħuda mill-intimat illedew d-drittijiet

fondamentali tal-mejjet Michael Camilleri taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali stantè li l-istess Michael Camilleri ma kienx ċertament fil-kundizzjoni ta' sahha fiżika li japprezza l-mizuri li kienu qed jittiehdu u li laqtu l-proprjetà tieghu.

5. Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidrilha xierqa skont il-liġi u ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Permezz ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali r-rikorrenti jilmentaw li huma sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dan fir-rigward tal-esproprijazzjoni tal-proprjetà ta' missierhom f'Birkirara.

Il-qofol tal-lanjanza tar-rikorrenti tmur lura ghaz-zmien meta z-zewg Avvizi ghall-Ftehim fir-rigward ta' din il-proprjetà gew innotifikati lil missierhom Michael Camilleri fis-16 ta' Novembru 1994, kif ukoll meta z-zewg cedoli ta' Depozitu gew innotifikati lil missierhom. Jirrizulta, ghalhekk, li r-rikorrenti ma huma jallegaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward taghhom infushom, izda l-ilmenti taghhom jirrigwardaw lil missierhom meta dan kien ghadu haj. Ghaldaqstant, l-Awtorità tal-Artijiet qeghda tissolleva preliminarjament l-eccezzjoni dwar karenza ta' interess guridiku da parti tar-rikorrenti, u dana peress illi huma qatt ma kienu proprjetarji tal-artijiet li gew esproprjati minghand missierhom Michael Camilleri. Fiz-zmien meta sehhet l-esproprijazzjoni, is-sid tal-artijiet kien Michael Camilleri u mhux il-werrieta tieghu, u huma qatt ma dahlu fil-pussess ta' dawn l-artijiet stante li dawn gew mehudin

minghandu u mhux minghand il-werrieta. Mhux minnu li l-art iddevolviet fuqhom, ghas-semplici raguni li l-art kienet già ghaddiet ghand il-Gvern sa mill-1990. Ghalhekk, il-persuna li possibilment (dan dato ma non concesso) seta' sofra xi pregudizzju kien unikament id-decujus Michael Camilleri u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandhom l-ebda interess guridiku stante li l-proprjetà qatt ma ghaddiet f'idejn il-werrieta. Barra minn hekk, kull dritt ta' azzjoni fiz-zmien preskritt mill-ligi kien jispetta lilu personalment. Ma jistghux ir-rikorrenti, b'ghazla taghhom u retroattivament, jezercitaw dritt ta' azzjoni li d-decujus ma kienx ezercita meta kien ghadu fil-hin li jaghmel dan.

Ir-rikorrenti ddikjaraw illi "r-rikorrenti indunaw biss b'din l-esproprjazzjoni wara li missierhom kien miet, u dan gara sempliciment b'kumbinazzjoni minghand il-kugina taghhom li kellha bicca art tal-istess qies biswit taghhom f'Birkirkara u li kienet ukoll esproprjata". (pagna 4 tar-rikors promotur). Izda huma jistqarru illi "tul iz-zmien li huwa kien rikoverat l-isptar, il-pensjoni kien jiehu hsiebha l-esponent Lewis Camilleri, filwaqt li l-affarijiet l-ohra kienu jiehdu hsiebhom l-esponenti Eve u r-ragel taghha Joseph Agius" (pagna 3 tar-rikors promotur), u, naturalment, il-posta kien jaraha xi hadd mir-rikorrenti matul iz-zmien kollu li Michael Camilleri baqa' rikoverat l-isptar, stante li l-pensjoni kienet tigi bil-posta.

Min mir-rikorrenti (jew Joseph Agius) irceva zewg Avvizi ghal Ftehim u zewg Cedoli ta' Depozitu, naqas serjament meta ghazel li jinjora kollox. Barra minn hekk, ir-rikorrenti kienu jafu li missierhom ghandu din il-proprjetà u li sahhtu ma kienitx tippermettilu jiehu hsieb jezamina l-posta li kienet tasallu, u allura r-rikorrenti naqsu li jindukraw l-affarijiet ta' missierhom, u dan kemm meta kien rikoverat fir-Residenza San Vincenz de Paule kif ukoll meta kien rikorverat fi "sptar", jekk qatt kien. Fir-rikors promotur, ir-Residenza tissejjah "sptar" (pagna 3) u, inoltre, ma giex indikat il-perjodu preciz meta missierhom kien rikoverat fir-Residenza San Vincenz de Paule u l-perjodu preciz meta huwa kien rikoverat fi "sptar", jekk qatt ma kien rikoverat gewwa sptar. Anzi, jinghad illi Bed 4 ta' Ward 8 tar-Residenza San Vincenz de Paule "kellha tkun is-sodda tal-mewt tieghu" – li jfisser li missierhom qatt ma kien rikoverat gewwa "l-isptar". Dan kollu qed jinghad biex ir-rikorrenti ma jinkolpawx

ingustament lill-Awtorità tal-Artijiet jekk missierhom kellu jigi notifikat fir-Residenza San Vincenz de Paule ladarba dak kien l-indirizz tieghu matul dawk iz-zminijiet. Hemm persuni li jkunu xhieda f'kawzi u dawn jigu debitament innotifikati fir-Residenza San Vincenz de Paule ghax dak ikun il-post ta' residenza taghhom.

"Notifika" hija pass procedurali u min ma jaqbilx u jrid jikkontestaha ghandu l-mezzi li taghtih il-ligi civili biex jikkontestaha. Sal-lum ma saret l-ebda kawza civili biex in-notifika tigi mpunjata. Dan huwa rimedju li kien disponibbli, anke fl-1995, lil min kien intitolat li jezercitah, izda dan ir-rimedju baqa' ma giex ezercitat. Minflok, ir-rikorrenti ghazlu li jaqbdu t-triq ta' proceduri kostituzzjonali: l-ewwel, ipprezentaw Rikors Kostituzzjonali Numru 101/2013 LSO li gie deciz fil-5 ta' Ottubru 2017; u issa ipprezentaw Rikors Kostituzzjonali Numru 104/2017 AF b'talbiet simili. Ghaldaqstant, ghalkemm ir-rikorrenti kellhom mezz xieraq ta' rimedju, huma naqsu li jutilizzawh, u dan kien jikkonsisti f'kawza civili ta' impunjazzjoni ta' notifika, liema kawza kellha ssir fiz-zmien preskritt mil-ligi.

Ghalkemm ir-rikorrenti jallegaw illi missierhom "naqas milli jinforma lil uliedu dwar dan" (pagna 4), jirrizulta mir-rikors promotur stess illi, anki meta r-rikorrenti saru jafu bin-notifiki permezz tal-kugina (pagna 4), huma xorta wahda ma ghamlux uzu minn procedura idoneja li taghtihom il-ligi civili.

Ghalhekk l-ebda agir tal-Awtorità tal-Artijiet ma kiser jew illeda xi dritt fondamentali tar-rikorrenti. Ghall-kuntrarju, peress illi l-ligi tirrikjedi li s-sid tal-proprjetà ghandu jigi notifikat, l-esponenti mxew b'reqqa ma' dak li trid il-ligi. Ma jista' jinstab l-ebda nuqqas fil-konfront tal-esponenti galadarba huma agixxew b'reqqa mal-ligi.

Ir-rikorrenti, apparti li ma attakkawx in-notifika fiz-zmien preskritt mil-ligi, lanqas attakkaw il-ligi li kienet tirrikjedi mill-Awtorità tal-Artijiet li tinnotifika lil sid il-proprjetà fil-post fejn jirrisjedi. Konsegwentement, jekk il-ligi kienet tirrikjedi n-notifika lis-sid u dan is-sid kien qed jirrisjedi fir-Residenza San Vincenz de Paule, l-esponenti agixxew korrettement. Barra minn

hekk, ir-rikorrenti naqsu li jattakkw il-ligi li kienet tirrikjedi n-notifka lil missierhom minghajr riserva.

Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-htiega procedurali li r-rikorrenti jridu **jippruvaw it-titolu li fuqu qeghdin jibbazaw l-azzjoni tentata minnhom** u jridu juru, inoltre, li huma setghu jagixxu issa biex jaghmlu dak li ma ghamilx missierhom fl-1995. F'dan is-sens, l-Awtorità tal-Artijiet qeghda wkoll teccepixxi **preliminarjament** illi t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex proponibbli minnhom ghaliex id-dritt ta' azzjoni kien jappartjeni esklussivament lil missierhom meta kien ghadu haj, u dak li ma ghamilx missierhom, ma jistghux issa jipprova jaghmluh huma, senjatament meta huwa kellu disponibbli ghalih mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja li huwa naqas li jesperixxi.

Sussidjarjament u bla pregudizzju, in kwantu ghal-lanjanza tar-rikorrenti illi l-kumpens li nghata mill-Kummissarju tal-Artijiet (illum Awtorità tal-Artijiet) ghal esproprijazzjoni ta' bicctejn art f'Birkirkara ma kienx kumpens adegwat, l-Artikolu 22 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi rimedju ordinarju xieraq konsistenti f'dan li gej: meta persuna ma tkunx lesta taccetta il-kumpens offrut lilha, hija setghet taghmel rikors quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet sabiex jigi determinat il-kumpens adegwat skond ic-cirkostanzi tal-kaz. Tali rikors kellu jsir fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-notifika tal-Avviz ghall-Ftehim, u fl-istess rikors kellu jigi indikat, taht piena ta' nullità, il-kumpens li fil-fehma tal-proprjetarju huwa adegwat. Barra minn hekk, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 kienu jaghtu dritt ta' appell minn tali decizjoni moghtija mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet, liema appell kien iwassal biex id-determinazzjoni tal-kumpens adegwat tigi ssigillata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Dan il-Kap. 88 gie mhassar permezz tal-Att XVII tal-2017, izda l-mekkanizmu ta' rimedju baqa' disponibbli xorta wahda taht il-ligi l-gdida (Artikolu 74 tal-Att XVII tal-2017).

Ir-rimedju ta' natura straordinarja bhalma huma l-proceduri kostituzzjonali ma kienux mahsuba biex jiehdu post u jintuzaw minflok il-proceduri ordinarji li kellhom jigu esperiti primarjament u fiz-zmien opportun. Il-kwistjoni tan-notifika ma

kienet qatt materja kostituzzjonali u l-pretensjoni kellha tigi indirizzata permezz ta' proceduri ordinarji, u cioè, kawza civili biex in-notifika tigi mpunjata. Di più, kien hemm ir-rimedju peremzz ta' proceduri mehuda tempestivament quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, li seta' jwassal sa quddiem il-Qorti tal-Appell. Izda r-rikorrenti odjerni, kemm fl-2013 kif ukoll fl-2017 ghazlu li jirrikorru direttament ghal proceduri kostituzzjonali, minghajr ma ezawrew ir-rimedji ordinarji. Kienet ghazla taghhom izda ma kienitx ghazla korretta.

Subordinatament u bla pregudizzju ghal dan kollu premess, l-esproprijazzjoni saret perfettament skond il-ligi, ghal skop pubbliku u fl-interess generali u di più, il-kumpens stabbilit skond il-ligi gie debitament iddepozitat il-Qorti u ghalhekk imhallas. Il-Gvern agixxa biex jattwa zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettività u dan kollu sar skond principji ben stabbiliti fil-gurisprudenza lokali u taht il-Konvenzjoni Ewropea. Il-kumpens li nghata huwa l-prezz fuq is-suq tal-art fil-mument meta nhareg l-Avviz ghall-Ftehim, liema kumpens huwa kkunsidrat adegwat, gust, xieraq u proporzjonat.

Preliminarjament, fir-rigward ta' dan ukoll, l-Awtorità tal-Artijiet qeghda tissolleva l-eccezzjonijiet preliminari senjalati hawn fuq anki fir-rigward ta' din it-tieni lanjanza.

Mhux minnu illi Michael Camilleri "gie effettivament imcahhad mid-dritt ta' access ghal Qorti jew Tribunal sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu". Ir-rimedji kienu jezistu u l-esponenti ma jahtu xejn fejn tidhol il-kundizzjoni medika tieghu, li ghad trid tigi ppruvata f'kull stadju taghha. Il-Kap. 88 kien jipprovdi access ghal determinazzjoni minn awtorità gudikanti kif ukoll forma ta' appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet.

Minbarra dan, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u, bhalu, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta japplikaw fir-rigward ta' proceduri gudizzjarji, u mhux fir-rigward ta' proceduri li qatt ma gew istitwiti ghaliex min kellu l-preciz dover li jezamina l-posta mibghuta u mwassla lil Michael Camilleri naqas milli jiehu l-azzjoni li kienet mehtiega u johodha f'waqtha, tempestivament. Jekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija illi istituzzjoni bhalma hi r-

Residenza San Vincenz de Paule, ma kellhiex arrangamenti biex l-atti gudizzjarji li jitwasslu ghand residenti anzjani jew malandati jigu avzati bihom in-*next of kin*, allura r-rikorrenti kien messhom hadu passi tempestivament fir-rigward ta' tali nuqqas. Jekk imbaghad, l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija illi fir-Residenza San Vincenz de Paule atti gudizzjarji (2 Avvizi ghal Ftehim u 2 Cedoli ta' Depozitu) appartenenti lil Michael Camilleri gew distrutti, mormija jew ma gewx registrati fil-personal file tal-persuna rikoverata jew mod iehor ufficjali, allura r-rikorrenti ma kellhomx ghalfejn jistennew daqstant snin biex jiehdu azzjoni skond dak li kien messhom ghamlu bosta snin ilu, u dan zgur mhux fir-rigward tal-esponenti Awtorità tal-Artijiet. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ssib illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà u għal smigħ xieraq kif sanċiti permezz tal-artikoli 37 u 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kemm minħabba l-mod kif missierhom Michael Camilleri ġie notifikat bl-avviż għall-ftehim u kemm minħabba l-fatt li l-maġġor parti tal-art esproprjata baqgħet qatt ma ġiet żviluppata mill-Gvern.

Huma qegħdin jitolbu għalhekk li l-Qorti tordna lill-Awtorità intimata tirritorna l-art li ma ġietx utilizzata jew inkella tillikwida u tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq għaliha u fi kwalunkwe każ tillikwida u tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq għal dik il-parti żgħira tal-art li ntużat.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-art mertu tal-kawża kienet proprjetà ta' Michael Camilleri, missier ir-rikorrenti li miet fit-23

ta' Novembru fl-Isptar San Vincenz de Paule fejn kien ilu rikoverat madwar sentejn.

Permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President tas-26 ta' Ġunju 1990 ġew esproprjati għal skop pubbliku biċċtejn art ġewwa Birkirkara li minnhom, żewġ *plots*, waħda ta' 22 metri kwadri (*plot* 1Q fuq il-pjanta L.D. 193/90) u oħra ta' 648 metri kwadri (*plot* 2A fuq l-istess pjanta) kienu proprjetà ta' Michael Camilleri. Permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President tad-29 ta' Ottubru 1990 ġiet esproprjata medda oħra ta' art li minnha 695 metri kwadri (*plot* 3B fuq il-pjanta 193A/90) wkoll kienet proprjetà ta' Michael Camilleri.

Permezz ta' żewġ avviżi għall-ftehim datati 11 ta' Novembru 1994, il-Kummissarju tal-Artijiet bagħat jinforma lil Michael Camilleri bħala sid l-art illi l-kumpens li kien lest li joffri għat-teħid tal-art tiegħu kien ta' Lm8 għall-*plot* 1Q, Lm203 għall-*plot* 2A u Lm223 għall-*plot* 3B, jiġifieri b'kollox Lm439, illum €1,022.59.

Dawn iż-żewġ avviżi, li ntbagħatu permezz ta' żewġ atti ġudizzjarji, kienu notifikati lil Michael Camilleri fl-Isptar San Vincenz de Paule fit-18 ta' Novembru 1994 fejn huwa kien rikoverat u fejn kien effettivament jgħix u dan skont l-informazzjoni uffiċjali li kellhom l-awtoritajiet skont ma jirriżulta mill-estratt meħud mir-Reġistru Elettorali.

Peress illi Michael Camilleri ma kienx ikkontesta l-offerta tal-Kummissarju tal-Artijiet, fis-16 ta' Frar 1995, il-Kummissarju tal-Artijiet iddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti s-somma globali ta' Lm439, permezz ta' żewġ ċedoli ta' depożitu bin-numru 103/95 u 104/95. Dawn iċ-ċedoli wkoll ġew notifikati lil Michael Camilleri iżda qatt ma ġew żbankati.

Ir-rikorrenti jgħidu li saru jafu bl-esproprjazzjoni biss b'kumbinazzjoni mingħand il-kuġina tagħhom wara li miet missierhom. Huma jilmentaw li dawn il-kuġini fil-fatt ikkontestaw il-kumpens offrut u tħallsu eluf ta' Ewro għall-esproprju tal-art tagħhom li kienet tal-istess daqs tal-art li kellu Michael Camilleri.

Ir-rikorrenti fetħu kawża kostituzzjonali permezz ta' rikors tas-16 ta' Diċembru 2013 (rikors numru 101/2013 LSO). Madanakollu, permezz ta' sentenza tal-5 ta' Ottubru 2017 fl-istess ismijiet, din il-Qorti diversament presjeduta illiberat lill-Awtorità intimata mill-osservanza tal-ġudizzju fid-dawl tal-mankanza ta' provi da parti tar-rikorrenti tat-titolu tagħhom u ta' Michael Camilleri fuq l-art in kwistjoni, filwaqt illi rriservat lir-rikorrenti d-dritt illi jerġgħu jiddeduċu t-talbiet tagħhom flimkien mal-provi rekwiżiti. Għalhekk, huma qegħdin jerġgħu jressqu t-talbiet tagħhom permezz tal-kawża tal-lum.

Mix-xhieda tal-perit tekniku nnominat minn din il-Qorti diversament presjeduta sabiex iħejji stima tal-art mertu tal-kawża, jirriżulta li l-iżgħar porzjon art u ċioè dik ta' 22 metri kwadri effettivament illum tagħmel parti mill-Isptar Mater Dei, filwaqt illi ż-żewġ artijiet oħra baqgħu qatt ma ġew żviluppati u fil-fatt jinsabu fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Dun Karm (il-*bypass* ta' Birkirkara). Il-perit tekniku vvaluta l-artijiet in kwistjoni fis-somma globali ta' €15,610 fis-sena 1990 u €626,000 fis-sena 2016 (meta saret l-istima).

Preliminarjament, l-Awtorità intimata teċċepixxi li r-rikorrenti jridu jġibu prova li huma verament il-werrieta ta' Michael Camilleri kif ukoll it-titolu ta' Michael Camilleri fuq din l-art. Il-Qorti fliet id-dokumenti kollha esebiti mir-rikorrent mar-rikors promotur minn fejn jirriżulta għas-sodisfazzjon tagħha li r-rikorrenti huma l-werrieta ta' Michael Camilleri li kien sid l-art mertu tal-kawża. Huwa rilevanti wkoll illi kien il-Kummissarju tal-Artijiet stess illi rrikonoxxa lil Michael Camilleri bħala sid l-art in kwantu li kkumpensah għat-teħid tagħha.

In linea preliminari wkoll, l-Awtorità intimata teċċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti stante li l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom imur lura għaż-żmien meta missierhom kien għadu ħaj u fil-fatt huma qatt ma kienu sidien ta' din l-art in kwantu li l-akkwist kien digà effettiv qabel ma miet Michael Camilleri.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument in kwantu li ġie muri li r-rikorrenti huma l-werrieta ta' Michael Camilleri u bħala tali għandhom kull dritt illi jippromwovu din l-azzjoni li tirrigwarda

proprjetà li ttieħdet mill-patrimonju tiegħu. L-istess eċċezzjoni ġiet trattata u deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-imsemmi każ fl-istess ismijiet. Il-Qorti qalet hekk:

> *"Hawnhekk din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-intimati li anke jekk ir-rikorrenti qed jistriehu fuq l-istat taghhom ta' werrieta ta' Michael Camilleri, xorta m'ghandhomx l-interess guridiku biex jippromwovu din l-azzjoni. Huwa minnu li gjaladarba jigi stabbilit li Michael Camilleri kien l-uniku proprjetarju in assolut tal-beni esproprjati, jew li kien igawdi minn xi dritt fuq dik il-proprjeta' li giet lesa bl-esproprjazzjoni lanjata, il "bien" ikun ittiehed forsozament mill-partimonju tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'kaz li eventwalment jista' jirrizulta li l-kumpens moghti ma kienx xieraq in kwantu sproporzjonat, il-werrieta ghandhom igawdu mid-dritt li jitolbu dak il-kumpens xieraq skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni sabiex il-patrimonju ereditarju jigi risarcit."*

Għaldaqstant, l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Awtorità intimata ser jiġu miċħuda.

Il-Qorti ser tindirizza l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimata fil-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel dwar il-mertu tal-każ.

L-ilmenti tar-rikorrenti huma tnejn u l-Qorti ser tindirizzahom separatament:

1. Fiż-żmien illi ntbagħtu l-avviżi għall-ftehim, Michael Camilleri kien fi stat ħażin kemm fiżikament u kemm mentalment u allura meta ġie notifikat bl-atti ġudizzjarji in kwistjoni ma kellux il-kapaċità mentali meħtieġa sabiex jifhem dak li kien qiegħed jiġri u naturalment lanqas kien f'posizzjoni li jikkontesta l-kumpens offruti, u

2. Il-maġġor parti tal-art ta' Michael Camilleri li ġiet esproprjata fis-sena 1990 baqgħet qatt ma ġiet żviluppata jew b'xi mod utilizzata mill-Gvern biex b'hekk allura ma hemmx skop pubbliku li jiġġustifika ż-żamma tal-art mill-awtoritajiet.

Il-parti relevanti tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tipprovdi hekk:

> *"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –*
>
> > *(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*
> >
> > *(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u*
> >
> > *(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta."*

Ir-rikorrenti jinvokaw ukoll l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-parti rilevanti taqra hekk:

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jigi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għall-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali."*

L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"Kull Qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."*

Finalment, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

**<u>In-Notifika tal-Avviżi għall-Ftehim lil Michael Camilleri</u>**

Fiż-żmien rilevanti, l-artikoli tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta (illum abrogat), kienu jipprovdu li l-Kummissarju tal-Artijiet għandu joħroġ avviż għall-ftehim li jkun fih l-ammont ta' kumpens li l-awtorità kompetenti tkun qed toffri lis-sid li min naħa tiegħu għandu 21 ġurnata mid-data tan-notifika sabiex jiddikjara l-ammont li huwa jkun jippretendi flimkien mad-dettalji tal-kumpens mitlub. Imbagħad, skont l-artikolu 22(2):

*"Jekk, fi zmien wiehed u ghoxrin jum min-notifika tal-avviz ghal ftehim, is-sid ma jibghatx twegiba b'att gudizzjarju ghall-offerta maghmula fl-avviz, l-offerta titqies li giet accettata…"*

Għalhekk, mill-premess jirriżulta ċar li ladarba s-sid debitament notifikat bl-avviż għall-ftehim ma jweġibx għall-istess fi żmien 21 ġurnata, il-liġi tqis li hu jkun aċċetta l-ammont indikat fl-avviz.

Mill-provi jirriżulta mhux kontestat illi Michael Camilleri kien rikoverat l-isptar San Vincenz de Paule minħabba li snin qabel kien sofra *stroke*. Minkejja li r-rikorrenti jgħidu li missierhom ma kellux il-kapaċità mentali meħtieġa sabiex jilqa' n-notifika tal-atti ġudizzjarji li bihom huwa ġie offrut il-kumpens għat-teħid

tal-art tiegħu, huma ma kinux ħadu ħsieb li jiġi inabilitat jew inkapaċitat. Għaldaqstant, u fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, il-Kummissarju tal-Artijiet kellu kull raġun jippresumi li Michael Camilleri kien mentalment san.

Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova li huma qatt talbu lill-Kummissajru tal-Artijiet jibgħat il-korrispondenza uffiċjali lil xi ħadd minn ulied Michael Camilleri, u dan meta ma jirriżultax mill-atti li ma kinux jafu li parti mill-art ta' missierhom kienet ġiet esproprjata fl-1990.

Ladarba kien daqshekk konfuż bil-kundizzjoni li kellu, loġikament huwa mistenni li r-rikorrenti kienu ser jieħdu ħsieb l-affarijiet tiegħu inkluż il-posta li kien jirċievi fl-indirizz uffiċjali tiegħu. Dan iżjed u iżjed meta kienu jafu li kellu proprjetà immobbli li ġiet esproprjata ftit tas-snin qabel.

Il-Qorti ma tqisx li l-istat ghandu jkun obbligat jagħmel verifiki fuq l-istat mentali tal-persuni li jrid jinnotifika b'xi att ġudizzjarju. Din hija responsabbiltà tal-familjari u mhux tal-Istat. Fuq kollox, ir-rikorrenti qatt ma għamlu xejn biex jikkontestaw din in-notifika li f'għajnejn il-liġi hija valida. Ma jistgħux issa minħabba n-negliġenza tagħhom jallegaw li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Fil-każ ta' Gladys Sant Fournier et vs Kumissarju tal-Artijiet et, tad-9 ta' Frar 2015, fejn il-mertu kien jixbah dak tal-lum, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet proprju hekk:

> *"34. Fit-tieni lok, b'referenza ghas-sottomissjoni tar-rikorrenti dwar it-telf tad-dritt sostantiv minhabba nuqqas ta' osservanza procedurali, il-Qorti tosserva li t-terminu preskritt mill-imsemmi Att ghandu l-ghan li jirregola l-procedura li permezz taghha l-Istat jakkwista proprjetà minghand il-privat versu kumpens xieraq, u taghti dritt lis-sid sabiex fi zmien stipulat jikkontesta l-ammont offrut. L-ghan ta' din in-norma hu li l-proceduri ta' esproprju, filwaqt li jaghtu lis-sid l-opportunità adegwata li jikkontesta l-ammont offrut, ma jdumux aktar milli necessarju, sabiex min-naha wahda l-Istat jakkwista l-proprjetà u min-naha l-ohra s-sid jiehu l-kumpens dovut. Ghalhekk il-ligi*

*tippreskrivi t-terminu perentorju adegwat sabiex jigu kawtelati l-interessi taz-zewg nahat, b'hekk ma tigix menomata c-certezza legali, u wkoll tinzamm l-uniformità.*

*35. Rigward it-telf tad-dritt sostantiv sottomess mir-rikorrenti bhala raguni legalment valida biex il-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali jiehdu konjizzjoni tat-talbiet taghhom, il-Qorti tosserva li d-dritt sostantiv tar-rikorrenti li dawn jigu kumpensati b'mod xieraq ghall-espropriju tal-proprjetà taghhom taghtihulhom il-ligi ordinarja permezz tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88, u allura, la darba dawn kellhom rimedju ordinarju sabiex jenforzaw dan id-dritt taghhom, m'huwiex konsentit li ma jutilizzawx dan ir-rimedju u jirrikorru ghal dan il-ghan ghar-rimedju kostituzzjonali.*

*36. Inoltre, jigi osservat li, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma tilfu ebda dritt sostantiv ghax meta Alfred Sant Fournier laqa' taht il-firma tieghu n-notifika tal-avviz ta' ftehim u ma oggezzjonax fiz-zmien preskritt mil-ligi, huwa jitqies li accetta l-kumpens offrut. Ghaldaqstant ma jistax legalment jitqies li tilef xi dritt sostantiv.*

*37. Fl-ahhar nett fuq dan l-aspett hija flokha l-osservazzjoni li, ghalkemm ir-rikorrenti fir-rikors taghhom isemmu il-possibilità li dawn jattakkaw il-validità tan-notifika fi proceduri ad hoc, huma baqghu passivi u m'ghamlu xejn. Mhux hekk biss, izda lanqas fil-proceduri odjerni ma gabu prova sodisfacenti fir-rigward*."

B'żieda ma dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tkunx imħassba dwar is-silenzju totali tar-rikorrenti dwar il-kopja tal-ittra fil-pussess tal-Awtorità intimata, datata 26 ta' Novembru 1994, miktuba minn Joseph Agius, li huwa miżżewweġ lir-rikorrenti Eve Agius. F'din l-ittra, li Joseph Agius kien kiteb lil Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, huwa spjega li '*b'riferenza għal l-ittra li bagħtulu, data 11 ta' Novembru 1994, lil Michael Camilleri irċieva*' (sic), kien qed jikteb biex jinforma lill-Bord li '*l-kumpens offrut mhux aċċettabbli, u minflok nixtiequ li nieħdu art oħra ta' l-istess kejl jekk jogħġbok.'*

Mill-kontenut ta' din l-ittra, li bl-ebda mod ma ġiet ikkontestata mir-rikorrenti, jidher ċar illi huma fil-fatt kienu jafu bl-avviżi għall-ftehim li rċieva Michael Camilleri imma minflok ikkontestaw il-kumpens offrut skont il-proċedura tal-Kap. 88, għażlu li jibgħatu ittra normali lill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ssib illi r-rikorrenti ma sofrew l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom minħabba n-notifika tal-atti ġudizzjarji lil Michael Camilleri fl-indirizz fejn kien jgħix.

## Skop Pubbliku

Mhux kontestat illi ħlief għall-*plot* 1Q ta' 22 metri kwadri, l-art ta' Michael Camilleri, li tinsab faċċata tal-Isptar Mater Dei, jiġifieri il-*plots* 2A u 3B li jinsabu fuq in-naħa l-oħra tal-*bypass* ta' Birkirkara, baqgħet qatt ma ġiet żviluppata. L-Awtorità intimata ma pprovdiet l-ebda informazzjoni lil din il-Qorti dwar l-intenzjoni tal-awtoritajiet konċernati għal din l-art.

Ir-rappreżentant tal-Awtorità intimata xehdet biss illi l-Gvern għad għandu interess jutilizza din l-art għal skop pubbliku li għandu x'jaqsmu mal-iskop prinċipali wara t-teħid, u ċioè għall-Isptar Mater Dei. Mal-affidavit tagħha, ir-rappreżentant tal-intimata annettiet kopja ta' ittra mibgħuta lilha mis-Segretarju Permanenti għall-Ministeru tas-Saħħa. Madanakollu, din l-ittra mhijiex rilevanti għall-finijiet tal-kawża tal-lum in kwantu li tagħmel riferenza għall-*plot* 1Q li dwarha ma hemmx kontestazzjoni peress li kif ikkonferma l-perit tekniku fil-kawża 101/2013 LSO, din l-art tinsab fil-*grounds* tal-Isptar Mater Dei, mentri huma ż-żewġ *plots* l-oħra li ma ntużawx u li huma fuq in-naħa l-oħra tal-*bypass* li huma l-mertu ta' dan l-ilment tar-rikorrenti. Il-bqija ta' din id-deċiżjoni ser tindirizza din l-art esproprjata li ma ġietx utilizzata.

Fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar leżjoni tad-drittijiet tagħhom kif sanċiti permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Novembru

2011, fl-ismijiet Peter Azzopardi noe v Kummissarju tal-Artijiet et:

*"31. Din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent appellat ma setax javvanza pretensjonijiet kostituzzjonali a bażi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-esproprjazzjoni saret bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 li ilu fis-seħħ minn ħafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk it-tħaddim ta' dik il-ligi huwa mħares bl-Artikolu 47(9) milli jikser l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni. Kif ġie spjegat fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet L-Avukat Dr Rene Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Art et, tal-10 ta' Lulju 2009 in vista tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufiħ qabel it-3 ta' Marzu 1962 ma tistax titqies li tippekka kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u l-istess jingħad għal xi liġi li temenda jew tissostitwixxi xi liġi magħmula f'dik id-data jew wara purchè li tali liġi ma tkunx tagħmel xi waħda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Il-Qorti kompliet tgħid hekk:*

*"Għalhekk il-paragrafi (a) sa (d) huma rilevanti biss fil-kuntest ta' xi liġi li temenda jew li tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju li l-Kap. 88 ġie emendat wara din id-data, iżda r-rikorrenti f'ebda ħin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47(9). Għalhekk l-unika konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha hija li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 li taħtu saret l-ordni tal-esproprjazzjoni de quo huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni."*

*32. Fid-dawl tal-insenjament fuq imsemmi din il-Qorti tikkonkludi li t-teħid tal-proprjetà li sar taħt il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax jiġi misjub bħala antikostituzzjonali taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan għaliex huwa protett taħt l-Artikolu 47(9). Il-fatt li r-rikorrent ilu għal dawn is-snin kollha imċaħħad mill-proprjetà tiegħu u għadu ma ħax kumpens, għalhekk, ma jistax jammonta għal leżjoni tal-Artikolu 37 imsemmi."*

Din il-Qorti tikkondividi l-konklużjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża appena ċitata u għaldaqstant, ser tqis it-tieni lment tar-rikorrenti biss taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Hija ormai ġurisprudenza kostanti li:

> "*Under the Court's case-law, Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules (see the James and Others v. the United Kingdom judgment of 21 February 1986, Series A no. 98, pp. 29-30, § 37). The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second rule, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, must be construed in the light of the general principle laid down in the first rule (see Iatridis v. Greece [GC], no. 31107/96, § 55, ECHR 1999-II)* - **Immobiliare Saffi v Italy**, deċiża fit-28 ta' Lulju 1999."

Tlieta huma r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti sabiex interferenza mill-Istat tkun waħda permissibli ai termini tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u ċioè:

1. Il-miżura meħuda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;

2. L-iskop tal-miżura jkun wieħed għall-għan leġittimu; u

3. Il-miżura meħuda żammet bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Dwar l-interess pubbliku, il-Qorti Ewropea qalet hekk fil-każ ta' James v United Kingdom, tal-21 ta' Frar 1985:

> *"46. Because of their direct knowledge of their society and its needs the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is "in the public interest". Under the system of protection established by the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken (see, mutatis mutandis, the Handyside judgment of 7 December 1976, Series A no. 24, p. 22, para. 48). Here, as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of appreciation. Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, as the Commission noted, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues on which opinions within a democratic society may reasonably differ widely. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment be manifestly without reasonable foundation. In other words, although the Court cannot substitute its own assessment for that of the national authorities, it is bound to review the contested measures under Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) and, in so doing, to make an inquiry into the facts with reference to which the national authorities acted."*

Jidher għalhekk li l-marġini ta' apprezzament tal-Istat huma wiesa' ħafna. L-artikolu 3 tal-Kap. 88 kien jagħti l-fakoltà lill-President ta' Malta li jiddikjara li art hija meħtieġa għal 'skop pubbliku', kliem li jingħata tifsira pjuttost wiesgħa fl-istess liġi.

Madanakollu, dejjem irid jinżamm il-bilanċ ġust bejn l-interessi tal-individwu u dawk tas-soċjetà. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għall-prinċipji elenkati mill-Qorti

Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Pawlu Cachia vs Avukat Generali et, deċiż fit-28 ta' Diċembru 2001:

> *"Din il-Qorti jidhrilha opportun li taccenna ghas-segwenti principji li fil-fehma taghha kellhom jiggwidawha in materja ta' interpretazzjoni ta' dritt f'kawzi b'mertu tax-xorta taht ezami. Principji li jkomplu jelaboraw l-insenjament ta' din il-Qorti f'gjudikati ohra, fosthom fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "L-Onor. Perit Dominic Mintoff et – vs – Onor Prim Ministru et", deciza fit-30 ta' April, 1996*.
>
> *a) Il-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jesproprja proprjetà ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjetà demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettività. Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-art. 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokolll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-art. 37, li jenuncja l-jedd fondamentali ta' l-individwu kontra t-tehid obligatorju tal-proprjeta' tieghu, "m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà.............." Fl-istess vena l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi li d-disposizzjonijiet f'dak l-artikolu "m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*
>
> *b) Kellu jkun ukoll manifest illi d-dritt moghti lill-Istat li b'ligi jesproprja l-proprjeta tal-privat, ma kienx u ma huwiex wiehed assolut u insindakabbli, izda kellu jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-ligi li tawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza shiha tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward l-operat ta' l-Istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.*
>
> *c) Id-dritt ta' l-esproprju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kull individwu li jgawdi il-proprjeta' pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu kellu jipprevali fejn*

*l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni, kellhom allura jigu applikati restrittivament fis-sens li f'kaz ta' dubju dak id-dubju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan naturalment ma jfissirx li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta' azzjoni dan kellu jigi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi process ta' interpretazzjoni.*

*d) Una volta l-limitazzjoni kienet favur l-Istat, kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari taht ezami kienu jokkorru dawk l-elementi sine qua non mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew l-uzu taghhom. Rikonoxxut li d-dritt ta' l-Istat li jesproprja jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, kien car illi dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju. Dan ghax kien fuq kollox obbligu primarju ta' l-Istat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' l-alida u gustifikattiva skond il-ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, bla bzonn ixekkel il-jedd ta' individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat, mal-htigijiet tal-kollettivita' imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha. Minn dan johrog il-principju bazilari ghall-mertu taht ezami li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta' ma jkunx gie konkjuz, u allura il-mizura setghet titqies f'dak l-istadju bhala wahda ta' tehid ta' pussess jew regolament ta' uzu ta' proprjeta', l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu, proprjetarju taghhom biex igawdihom appena ikun jirrizulta li ma kienetx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikattiva li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat."*

Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza Franco Buttigieg pro et noe vs L-Avukat Ġenerali et, tal-25 ta' Ottubru 2018, fejn din il-Qorti diversament presjeduta ddikjarat:

*"Illi mhux l-ewwel darba li, f'teħid ta' ġid minħabba proġetti infrastrutturali kbar, l-Istat ikun ħa art akbar mill-ħtiġijiet immedjati tal-proġett imma bil-ħsieb li jkun hemm fejn iwessa' l-proġett fil-ġejjieni jekk tqum il-ħtieġa. Dan ukoll qajjem il-kwestjoni dwar safejn dawn il-ħtiġijet possibbli għall-espansjoni jistgħu jittieħdu bil-ħsara li jġarrbu s-sidien tal-artijiet hekk meħuda għal bosta snin. Kif ingħad mill-Q.E.D.B. f'każijiet bħal dawn, kien iseħħ ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fejn ikun għadda żmien twil bejn meta l-art tkun ittieħdet u t-twettiq tal-proġett fl-interess pubbliku li minħabba fih ikun sar dak it-teħid. Ingħad li "While the placing in reserve of expropriated property, even for a long period of time, does not necessarily entail a breach of Article 1 of Protocol No. 1, there is clearly an issue under that provision where such an action is not itself based on public interest grounds and where, during that period, the property in question generates a significant increase in value of which the former owners are deprived."'*

Fil-fatt, fis-sentenza Vassallo v Malta, tal-11 ta' Ottubru 2011, il-Qorti Ewropea sahqet:

*"42. The Court accepts that, in the present case, the original intention behind the expropriation of the land, namely that of building a social housing project, was in the public interest. However, the Court notes that no use has been made of the applicant's land for twenty-eight years. The Government submitted that this was due to the size and extent of the project. While acknowledging that a certain delay may occur when undertaking projects of a certain size the Court cannot consider reasonable a delay of nearly three decades in concretising the plans. In the present case, the Government have not advanced any other argument capable of justifying this delay; in consequence, it cannot be said that the delay was itself based on any public-interest concern (see Motais de Narbonne, cited above, § 22, in fine). The Court considers that it is undisputable that the land has generated an increase in value of which the owners have been deprived (see Motais de Narbonne, cited above, § 22). The Government themselves acknowledged that the value of*

*the land at issue had substantially increased over the years that followed the taking of the land, although they claimed that such an increase in value was entirely due to the project which the authorities had undertaken.*

*43. Thus, the Court considers that the lapse of twenty-eight years from the date of the taking of the property without any concrete use having been made of it, in accordance with the requirements of the initial taking, raises an issue under Article 1 of Protocol No. 1, in respect of the public interest requirement."*

Il-Qorti tikkondividi wkoll dak li ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Lapsi Estate Ltd vs Kummissarju tal-Artijiet et, deċiża fis-26 ta' Jannar 2007 u ċioè li "*L-utilità pubblika (trid) tirrizulta pozittivament lill-Qorti u ma tithalliex fuq mera ipotezi ta' bzonn potenzjali.*"

Il-fatt jibqa' li aktar minn tletin sena wara li ġiet esproprjata, il-maġġor parti tal-art ta' Michael Camilleri baqgħet ma ntużatx għall-ebda skop u la l-intimata u lanqas l-awtoritajiet tas-saħħa ma jidher li huma f'posizzjoni jispjegaw x'beħsiebhom jagħmlu b'din l-art.

Kif kompliet tgħid il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza Pawlu Cachia vs Avukat Generali et:

"*Din il-Qorti tasal biex taqbel ma' l-appellanti li ma kienx mehtieg illi jkun identifikat progett specifiku li ghalih l-art tkun ser tigi jew tkun giet esproprijata li jikkonkretizza l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali. Mhux eskluz li proprjetà tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilità partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok per ezempju ghall-espansjoni futura ta' l-istess progett. Però din l-utilità pubblika trid tirrizulta pozittivament lill-Qorti. Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-iStat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax*

*ghal xi raguni jew ohra mehtieg. Isir hawn rikjam ghal principji generali enuncjati aktar 'il fuq fejn gie sottolinejat illi kien l-Istat li kellu jaghmel il-prova, mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjetà fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li dak il-bzonn jibqa' jissussisti sal mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f'idejn l-Istat bit-temm tal-proceduri ta' esproprijazzjoni."*

Mhuwiex biżżejjed illi l-intimata tgħid li l-Gvern għad għandu interess li jagħmel użu minn din l-art għal skopijiet pubbliċi meta jidher li lanqas hemm ħjiel ta' skop jew użu għal din l-art. Kif proprju ġie ritenut ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Paul Mifsud pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et, tal-25 ta' Novembru 2016, '*ma jistax jigi reklamat skop pubbliku in vacuo, izda skop irid jigi marbut ma' cirkostanzi ta' fatti sostanzjati u pprovati.'*

Huwa veru li l-akkwist kien ipperfezjonat permezz tad-depożitu tal-ammont dovut għat-teħid tal-art u dan skont il-liġi applikabbli dak iż-żmien, iżda kif qalet ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Euro Finance Corporation Limited vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et, tat-3 ta' Frar 2009:

*"Huwa minnu, kif tajjeb tirrileva s-socjetà appellanti fir-rikors ta' appell taghha, li ma jistax neccessarjament jinghad "illi d-drittijiet tal-esproprijat jieqfu mat-trasferiment formali tal-art [ghax altrimenti] nispiccaw fil-paradoss illi kull esproprjazzjoni formali ma tistax tigi kkontestata taht il-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk il-Konvenzjoni Ewropea tkun biss applikabbli jekk il-kuntratt ghadu ma sarx*."

Finalment, ma jirriżultax illi r-rikorrenti kellhom xi rimedji disponibbli għalihom sabiex jattakkaw l-iskop wara din l-esproprjazzjoni in kwantu li l-emendi li introduċa l-artikolu 6(2) tal-Kap. 88 daħlu fis-seħħ fis-sena 2009 u s-sidien setgħu biss jikkontestaw l-iskop wara t-teħid fi żmien 21 ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President filwaqt li l-provvedimenti tal-Kap. 573 lanqas ma huma applikabbli għaliex l-art, illum tappartjeni lil Gvern.

Applikati dawn il-principji għall-każ in eżami u meqjus it-trapass ta’ żmien minn meta sar l-esproprju fis-sena 1990 sal-lum, aktar minn tletin sena wara, fejn il-Gvern m’għamilx użu shih mill-art esproprjata minnu, jirriżulta piż mhux xieraq fuq ir-rikorrenti, li l-intimata bl-ebda mod ma ttantat tispjega. Lanqas ma ġie muri li l-Gvern għandu xi pjan imminenti li jkompli jiżviluppa dik l-art esproprjata minnu li sal-llum għada mhux żviluppata u għalhekk ma jirriżultax il-ħtieġa attwali jew utilità pubblika li l-Gvern jibqa’ jżomm dik l-art. Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li hemm vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Bħala rimedju, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tilqa’ t-talba prinċipali tar-rikorrenti u tordna li l-esproprjazzjoni m’għandhiex tibqa’ fis-seħħ u peress li t-trasferiment laħaq sar, din il-Qorti sejra wkoll tordna tħassir tiegħu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

B’dan illi mhux qiegħed jingħad li d-Dikjarazzjonijiet Presidenzjali tal-1990 huma nulli, iżda safejn jolqtu dik l-art li baqgħet ma ġietx utilizzata għall-proġett, jiġifieri il-plots 2A u 3B, għandhom jitqiesu bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b’seħħ mil-lum, in kwantu ġie stabbilit li l-iskop pubbliku li għalihom ġew maħruġa u li kien jiġġustifikahom m’għadux jeżisti. (Ara f’dan is-sens ukoll sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta’ Diċembru 2003, fl-ismijiet Allied Newspapers Limited vs Avukat Generali et).

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fin-nuqqas ta’ talba f’dan is-sens, il-Qorti tħoss illi ma hemm l-ebda danni pekunjarji jew non pekunjarji x’jiġu likwidati favur ir-rikorrenti.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata u tilqa’ l-eċċezzjonijiet fil-mertu biss sa fejn huma kompatibbli ma dak hawn deċiż;

2. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li r-rikorrenti sofrew leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropea minħabba l-fatt illi ġiet esproprjata art ta' Michael Camilleri, li tiegħu r-rikorrenti huma l-werrieta, li qatt ma ntużat għal skop pubbliku in kwantu li l-Kummissarju tal-Artijiet esproprja estent ta' art akbar milli kien meħtieġ u din l-art baqgħet għand il-Gvern;

3. Tilqa' t-tieni talba billi tħassar l-esproprju li sar permezz tad-Dikjarazzjoni tal-President tas-26 ta' Ġunju 1990 u dik tad-29 ta' Ottubru 1990 biss sa fejn jolqot l-art ta' Michael Camilleri li ma ntużatx għall-skop pubbliku, jiġifieri il-Plot 2A fuq il-pjanta L.D. 193/90 u l-plot 3B fuq il-pjanta 193A/90 u tordna lill-Awtorità intimata sabiex fi żmien xahar minn meta din id-deċiżjoni ssir finali taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku meħtieġ sabiex l-art in kwistjoni tgħaddi għand ir-rikorrenti *qua* eredi ta' Michael Camilleri;

4. Tiċħad it-tielet talba;

5. Tiċħad ir-raba' talba;

6. Tiċħad il-ħames talba in kwantu li ma hemm l-ebda rimedji oħra x'jingħataw fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrenti u nofs mill-Awtorità intimata.

IMHALLEF

DEP/REG